# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2010/77/UE

### tal-10 ta' Novembru 2010

### li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KE fir-rigward tad-dati ta' skadenza għall-inklużjoni fl-Anness I ta' ċerti sustanzi attivi

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]), u partikolarment l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) L-inklużjonijiet fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanzi attivi elenkati fl-Anness ta' din id-Direttiva jiskadu bejn il-31 ta' Mejju 2011 u l-31 ta' Diċembru 2012.

(2) L-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipula li l-inklużjoni ta' sustanza attiva tista' tiġġedded, wara talba, kemm-il darba ssir applikazzjoni mhux aktar tard minn sentejn qabel ma jkun wasal biex jiskadi l-perjodu ta' inklużjoni. Il-Kummissjoni rċeviet talbiet dwar it-tiġdid tal-inklużjonijiet għas-sustanzi kollha msemmija fil-premessa 1.

(3) Se jkunu meħtieġa regoli ddettaljati dwar is-sottomissjoni u l-valutazzjoni ta' aktar tagħrif meħtieġa għat-tiġdid tal-inklużjoni fl-Anness I. Għaldaqstant, huwa ġustifikabbli li tiġġedded l-inklużjoni tas-sustanzi attivi msemmija fil-premessa 1 għal perjodu meħtieġ sabiex l-applikanti jkun jistgħu jħejju l-applikazzjonijiet tagħhom u sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta u tiddeċiedi dwar dawn l-applikazzjonijiet.

(4) Huwa għaldaqstant xieraq li tiġi emendata d-Direttiva 91/414/KEE skont dan.

(5) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2011. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' April 2011.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2010.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

*ANNESS*

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif ġej:

(1) Ir-ringiela 7 għandha tinbidel b'dan li ġej:

| Nru | Isem Komuni,Numri ta' Identifikazzjoni | Isem skont l-IUPAC | Purità (*) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "7 | Metsulfuron metil<br>Nru tal-CAS74223-64-6<br>Nru tal-KEE 441 | 2-(4-metossi-6-metil-1,3,5,-triazin-2-ilkarbamojlsulfamojl) benżoat tal-metil | 960 g/kg | l-1 ta' Lulju 2001 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Fit-teħid tad-deċiżjoni tagħhom skont il-Prinċipji Uniformi l-Istati Membri<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal ħarsien tal-ilma tal-blat;<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-impatt fuq l-organiżmi akkwatiċi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu, fejn jixraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.<br>Id-data tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie finalizzat ir-rapport ta' reviżjoni: is-16 ta' Ġunju 2000." |

(*) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni ta' sustanzi attivi huma pprovduti fir-rapporti tagħhom ta' reviżjoni.

(2) Ir-ringieli minn 9 sa 28 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

| Nru | Isem Komuni,Numri ta' Identifikazzjoni | Isem skont l-IUPAC | Purità (*) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "9 | Triasulfuron<br>Nru tal-CAS82097-50-5<br>Nru ta' CIPAC 480 | 1-[2-(2-kloroetossi)fenilsolfonil] - 3 - (4-metossi-6-metil-1,3,5-triazin-2-il)urea | 940 g/kg | l-1 ta' Awwissu 2001 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Fit-teħid tad-deċiżjoni tagħhom skont il-Prinċipji Uniformi l-Istati Membri:<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal ħarsien tal-ilma tal-blat;<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-impatt fuq l-organiżmi akkwatiċi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu, fejn jixraq, miżuri għat-tnaqqis tar-riskju.<br>Id-data tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie finalizzat ir-rapport ta' reviżjoni: it-13 ta' Lulju 2000. |
| 10 | Esfenvalerat<br>Nru tal-CAS66230-04-4<br>Nru ta' CIPAC 481 | (S)-a-Ċjanu-3-fenossibenżil-(S)-2-(4-klorofenil)-3- metilbutirat | 830 g/kg | l-1 ta' Awwissu 2001 | il-31 ta' Diċembru 2015 | Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala insettiċida.<br>Fit-teħid tad-deċiżjoni tagħhom skont il-Prinċipji Uniformi l-Istati Membri:<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-impatt fuq l-organiżmi akkwatiċi u artropodi mhux fil-mira u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri tat-taffija tar-riskju.<br>Id-data tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie finalizzat ir-rapport ta' reviżjoni: it-13 ta' Lulju 2000. |

| Nru | Isem Komuni,Numri ta' Identifikazzjoni | Isem skont l-IUPAC | Purità (*) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Bentażon<br>Nru tal-CAS25057-89-0<br>Nru ta' CIPAC 366 | 3-isopropil-(1H)-2,1,3-benżotijadijażin-4-(3H)-on-2,2-diossidu | 960 g/kg | l-1 ta' Awwissu 2001 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Fit-teħid tad-deċiżjoni tagħhom skont il-Prinċipji Uniformi l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-ilma tal-blat.<br>Id-data tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie finalizzat ir-rapport ta' reviżjoni: it-13 ta' Lulju 2000. |
| 12 | Lambda-ċijalotrin<br>Nru tal-CAS91465-08-6<br>Nru ta' CIPAC 463 | A 1:1 taħlita ta':<br>(S)-a-ċjanu-3-fenossibenżil (Z)-(1R,3R)-3-(2-kloro-3,3,3-trifluworupropenil)-2,2-dimetilċiklupropanekarbossilat,<br>kif ukoll<br>(R)-a-ċjanu-3-fenossibenżil (Z)-(1S,3S)-3-(2-kloro-3,3,3-trifluworopropenil)-2,2-dimetilċiklopropanekarbossilat | 810 g/kg | l-1 ta' Jannar 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala insettiċida.<br>Fit-teħid tad-deċiżjoni tagħhom skont il-Prinċipji Uniformi l-Istati Membri:<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għas-sikurezza tal-operatur;<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-impatt potenzjali fuq l-organiżmi akkwatiċi u artropodi mhux fil-mira u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri tat-taffija tar-riskju;<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għar-residwi fl-ikel u speċjalment l-effetti akuti tagħhom.<br>Id-data tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie finalizzat ir-rapport ta' reviżjoni: id-19 ta' Ottubru 2000. |
| 13 | Feneżamid<br>Nru tal-CAS126833-17-8<br>Nru ta' CIPAC 603 | N-(2,3-dikloru-4-idrossifenil)-1-metilċikloeżanekarbossammid | ≥ 950 g/kg | l-1 ta' Ġunju 2001 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Fit-teħid tad-deċiżjoni tagħhom skont il-Prinċipji Uniformi l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-impatt potenzjali fuq l-organiżmi akkwatiċi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn jixraq, miżuri tat-taffija tar-riskju.<br>Id-data tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie finalizzat ir-rapport ta' reviżjoni: id-19 ta' Ottubru 2000. |
| 14 | Amitrolu<br>Nru tal-CAS61-82-5<br>Nru ta' CIPAC 90 | H-[1,2,4]-triażolu-3-ilammina | 900 g/kg | l-1 ta' Jannar 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-amitrolu, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-12 ta' Diċembru 2000 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri:<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-operaturi;<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal ħarsien tal-ilma tal-blat f'żoni vulnerabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu mhux għall-uċuħ tal-art;<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-artropodi benefiċi;<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-għasafar u l-mammiferi salvaġġi. |

| Nru | Isem Komuni,Numri ta' Identifikazzjoni | Isem skont l-IUPAC | Purità (*) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | L-użu tal-amitrolu matul l-istaġun tat-tgħammir jista' biss jiġi awtorizzat meta valutazzjoni xierqa tar-riskju tkun ippruvat li ma hemm ebda impatt mhux aċċettabbli u meta l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri tat-taffija tar-riskju. |
| 15 | Dikwat<br>Nru tal-CAS2764-72-9 (jone), 85-00-7 (dibromur)<br>Nru ta' CIPAC 55 | 9,10-diidro-8a,10a-jone ta' diażonjafenantren (dibromur) | 950 g/kg | l-1 ta' Jannar 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | Abbażi tat-tagħrif attwalment disponibbli, l-użu biss bħala erbiċida għall-art u dessikant jista' jiġi awtorizzat. L-użu għall-kontroll tal-ħaxix ħażin akkwatiku ma għandux jiġi awtorizzat<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-dikwat, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-12 ta' Diċembru 2000 għandhom jiġu kkunsidrati F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri:<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-impatt potenzjali fuq l-organiżmi akkwatiċi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu, fejn jixraq, miżuri tat-taffija tar-riskju.<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għas-sikurezza tal-operatur fir-rigward tal-użu mhux professjonali u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu, fejn jixraq, miżuri tat-taffija tar-riskju. |
| 16 | Piridat<br>Nru tal-CAS55512-33.9<br>Nru ta' CIPAC 447 | 6-kloro-3-fenilpiridażin-4-il S-oktil tijokarbonat | 900 g/kg | l-1 ta' Jannar 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-Piridat, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-12 ta' Diċembru 2000 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri:<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal ħarsien tal-ilma tal-blat;<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-impatt potenzjali fuq l-organiżmi akkwatiċi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu, fejn jixraq, miżuri tat-taffija tar-riskju. |
| 17 | Tijabendażol<br>Nru tal-CAS148-79-8<br>Nru ta' CIPAC 323 | 2-Tijażol-4-il-1H-benżimidażol | 985 g/kg | l-1 ta' Jannar 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat. Applikazzjonijiet ta' bexx ta' weraq ma għandhomx jiġu awtorizzati.<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-tijabendażol, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-12 ta' Diċembru 2000 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri:<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-organiżmi akkwatiċi u li jgħixu fil-ħama u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni jinkludu, fejn jixraq, miżuri tat-taffija tar-riskju. |

| Nru | Isem Komuni,Numri ta' Identifikazzjoni | Isem skont l-IUPAC | Purità (*) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Miżuri xierqa tat-taffija tar-riskju (p.eż. depurazzjoni bil-ħamrija dijatoma jew karbonju attivat) għandhom jiġu implimentati biex jitħarsu l-ilmijiet tal-wiċċ minn livelli mhux aċċettabbli ta' tniġġis permezz tal-ilma tar-rimi. |
| 18 | *Paecilomyces fumosoroseus* Apopka razza 97, PFR 97 jew CG 170, ATCC20874 | Mhux applikabbli | l-assenza ta' metaboliti sekondarji għandha tiġi kkontrollata f'kull soluzzjoni ta' fermentazzjoni mill-HPLC. | l-1 ta' Lulju 2001 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala insettiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Kull soluzzjoni ta' fermentazzjoni għandha tiġi kkontrollata mill-HPLC biex jiġi żgurat li ma hemmx metaboliti sekondarji.<br>Id-data tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie finalizzat ir-rapport ta' reviżjoni: is-27 ta' April 2001. |
| 19 | DPX KE 459 (flupirsulfuron-metil)<br>Nru tal-CAS144740-54-5<br>Nru ta' CIPAC) 577 | 2-(4,6-dimetossipirimidin-2-ilkarbamoilsulfamoil)-6-triflurometilnikotinat melħ monosodju | 903 g/kg | l-1 ta' Lulju 2001 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Fit-teħid tad-deċiżjoni skont il-Prinċipji Uniformi l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-ilma tal-blat.<br>Id-data tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie finalizzat ir-rapport ta' reviżjoni: is-27 ta' April 2001. |
| 20 | Aċibenzolar-s-metil<br>Nru tal-CAS135158-54-2<br>Nru ta' CIPAC 597 | benżo[1,2,3]tijadiażol-7-aċidu karbotijoiku S-metil esteru | 970 g/kg | l-1 ta' Novembru 2001 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala attivatur tal-pjanti biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Id-data tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie finalizzat ir-rapport ta' reviżjoni: id-29 ta' Ġunju 2001 |
| 21 | Ċiklanilidu<br>Nru tal-CAS113136-77-9<br>Nru ta' CIPAC 586 | Mhux disponibbli | 960 g/kg | l-1 ta' Novembru 2001 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu biss bħala regolatur tal-iżvilupp tal-pjanti jista' jiġi awtorizzat.<br>Il-kontenut massimu tal-impurità 2,4-dikloroanilina (2,4-DCA) fis-sustanza attiva kif mmanifatturata għandu jkun ta' 1 g/kg.<br>Id-data tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie finalizzat ir-rapport ta' reviżjoni: id-29 ta' Ġunju 2001. |
| 22 | Fosfat ferriku<br>Nru tal-CAS10045-86-0<br>Nru ta' CIPAC 629 | Fosfat ferriku | 990 g/kg | l-1 ta' Novembru 2001 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala molluskiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Id-data tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie finalizzat ir-rapport ta' reviżjoni: id-29 ta' Ġunju 2001. |
| 23 | Pimetrożina<br>Nru tal-CAS123312-89-0<br>Nru ta' CIPAC 593 | (*E*)-6-metil-4-[(piridin-3-ilmetilena)amino]-4,5-di-idro-2H-[1,2,4]-triażin-3 on | 950 g/kg | l-1 ta' Novembru 2001 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala insettiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Fit-teħid tad-deċiżjoni skont il-Prinċipji Uniformi l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-organiżmi akkwatiċi.<br>Id-data tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie finalizzat ir-rapport ta' reviżjoni: id-29 ta' Ġunju 2001. |

| Nru | Isem Komuni,Numri ta' Identifikazzjoni | Isem skont l-IUPAC | Purità (*) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 24 | Piraflufen-etil<br>Nru tal-CAS129630-19-9<br>Nru ta' CIPAC 605 | Etil 2-kloro-5-(4-kloro-5-difluworometossi-1-metilpirażol-3-il)-4-fluworofenossiaċitat | 956 g/kg | l-1 ta' Novembru 2001 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Fit-teħid tad-deċiżjoni skont il-Prinċipji Uniformi l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-alge u l-pjanti akkwatiċi u għandhom japplikaw, fejn jixraq, miżuri tat-taffija tar-riskju.<br>Id-data tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti li fiha ġie finalizzat ir-rapport ta' reviżjoni: id-29 ta' Ġunju 2001. |
| 25 | Glifosat<br>Nru tal-CAS1071-83-6<br>Nru ta' CIPAC 284 | N-(fosfonometil)-gliċin | 950 g/kg | l-1 ta' Lulju 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-glifosat, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-29 ta' Ġunju 2001 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri:<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal ħarsien tal-ilma tal-blat f'żoni vulnerabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu mhux għall-uċuħ tal-art. |
| 26 | Tifensulfuron-metil<br>Nru tal-CAS79277-27-3<br>Nru ta' CIPAC 452 | Metil 3-(4-metossi-6-metil-1,3,5-triażin-2-ilkarbamoil-sulfamoil)tiofen-2-karbossilat | 960 g/kg | l-1 ta' Lulju 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-tifensulfuron-metil, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-29 ta' Ġunju 2001 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri:<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għal ħarsien tal-ilma tal-blat;<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-impatt fuq il-pjanti akkwatiċi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn jixraq, miżuri tat-taffija tar-riskju. |
| 27 | 2,4-D<br>Nru tal-CAS94-75-7<br>Nru ta' CIPAC 1 | (2,4-diklorofenossi) aċidu aċetiku | 960 g/kg | l-1 ta' Ottobru 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar 2,4-D, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-2 ta' Ottubru 2001 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri:<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-ilma tal-blat, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli;<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-assorbiment dermiku;<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-artropodi mhux fil-mira u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, miżuri tat-taffija tar-riskju. |

| Nru | Isem Komuni,Numri ta' Identifikazzjoni | Isem skont l-IUPAC | Purità (*) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 28 | Isoproturon<br>Nru tal-CAS34123-59-6<br>Nru ta' CIPAC 336 | 3-(4-isopropilfenil)-1,1-dimetilurea | 970 g/kg | l-1 ta' Jannar 2003 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-isoproturon, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-7 ta' Diċembru 2001 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri:<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-ilma tal-blat, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli jew b'rati ta' użu ogħla minn dawk deskritti fir-rapport ta' reviżjoni u għandhom japplikaw miżuri tat-taffija tar-riskju, fejn xieraq;<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-organiżmi akkwatiċi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn jixraq, miżuri tat-taffija tar-riskju." |

(*) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni ta' sustanzi attivi huma pprovduti fir-rapporti tagħhom ta' reviżjoni.

(3) Ir-ringieli minn 30 sa 39 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

| Nru | Isem Komuni,Numri ta' Identifikazzjoni | Isem skont l-IUPAC | Purità (*) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "30 | Iprovalikarb<br>Nru tal-CAS140923-17-7<br>Nru ta' CIPAC 620 | {2-Metil-1-[1-(4-metilfenil)etil-karbonil]propil}- aċidu karba-miku isopropilesteru | 950 g/kg (speċifikaz-zjoni provviżorja) | l-1 ta' Lulju 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar l-ipovalikarb, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Frar 2002 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazz-joni globali<br>— l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment għandha tkun ikkonfermata u appoġġjata b'dejta analitika xierqa. Il-materjal tat-test użat fil-fajl tat-tossiċità għandu jiġi mqabbel u vverifikat ma' din l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku;<br>— L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-operaturi. |
| 31 | Prosulfuron<br>Nru tal-CAS94125-34-5<br>Nru CIPAC 579 | 1-(4-metossi-6-metil-1,3,5-triażin-2-il)-3-[2-(3,3,3-triflu-woropropil)-fenilsulfonil]-urea | 950 g/kg | l-1 ta' Lulju 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-prosulfron, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Frar 2002 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri:<br>— għandhom iqisu sewwa r-riskju għall-pjanti akkwatiċi jekk is-sustanza attiva tiġi applikata qrib l-ilmijiet tal-wiċċ. Il-miżuri tat-taffija tar-riskju għandhom jiġu applikati fejn xieraq; |

| Nru | Isem Komuni,Numri ta' Identifikazzjoni | Isem skont l-IUPAC | Purità (*) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | — għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. Il-miżuri tat-taffija tar-riskju għandhom jiġu applikati fejn xieraq. |
| 32 | Sulfosulfuron<br>Nru tal-CAS141776-32-1<br>Nru ta' CIPAC 601 | 1-(4,6-dimetossipirimidin-2-yl)-3-[(2-etansulfonil-imidażo[1,2-*a*]piridin) sulfonil]urea | 980 g/kg | l-1 ta' Lulju 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar is-sulfosulfuron, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fis-26 ta' Frar 2002 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din l-evalwazzjoni globali<br>— L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-organiżmi akkwatiċi u l-alge. Il-miżuri tat-taffija tar-riskju għandhom jiġu applikati fejn xieraq;<br>— L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-ilma tal-blat, meta s-sustanza attiva tkun applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. |
| 33 | Ċinidon-etil<br>Nru tal-CAS142891-20-1<br>Nru CIPAC 598 | (Z)-ethil 2-kloro-3-[2-kloro-5-(ċikloess-1-en-1,2-dikarbossimido)fenil]akrilat | 940 g/kg | l-1 ta' Ottubru 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iċ-ċinidon-etil, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-19 ta' April 2002 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri:<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għat-tniġġis tal-ilma tal-blat, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija (p.eż. ħamrija b'valuri newtrali jew għolja tal-pH) u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli.<br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-organiżmi akkwatiċi.<br>Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jridu jinkludu miżuri tat-taffija tar-riskju, fejn xieraq. |
| 34 | Ċijalofop butil<br>Nru tal-CAS122008-85-9<br>Nru ta' CIPAC 596 | Butil-(R)-2-[4(4-ċijano-2-fluwo-rofenossi) fenossi]propjonat | 950 g/kg | l-1 ta' Ottubru 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar iċ-ċijalofop butil, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-19 ta' April 2002 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din l-evalwazzjoni globali<br>— L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw bir-reqqa l-impatt potenzjali tal-applikazzjonijiet mill-ajru fuq l-organiżmi mhux fil-mira u b'mod partikolari l-ispeċji akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu restrizzjonijiet jew miżuri tat-taffija tar-riskju, fejn meħtieġ. |

| Nru | Isem Komuni,Numri ta' Identifikazzjoni | Isem skont l-IUPAC | Purità (*) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | — L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw bir-reqqa l-impatt potenzjali tal-applikazzjonijiet fuq l-art fuq l-organiżmi akkwatiċi fi ħdan l-għelieqi tar-ross. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jridu jinkludu miżuri tat-taffija tar-riskju, fejn xieraq. |
| 35 | Famossadon<br>Nru tal-CAS131807-57-3<br>Nru ta' CIPAC 594 | 3-anilino-5-metil-5-(4-fenossi-fenil)-1,3-ossażolidin-2,4-dijon | 960 g/kg | l-1 ta' Ottubru 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br><br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-famossadon, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-19 ta' April 2002 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali<br><br>— L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għar-riskji kroniċi potenzjali tas-sustanza jew il-metaboliti ġenituri għad-dud tal-art;<br><br>— L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-organiżmi akkwatiċi u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jinkludu, fejn xieraq, il-miżuri tat-taffija tar-riskju;<br><br>— L-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-operaturi. |
| 36 | Florasulam<br>Nru tal-CAS145701-23-1<br>Numru ta' CIPAC 616 | 2', 6', 8-Trifluworo-5-metossi-[1,2,4]-triażol [1,5-c] pirimi-dina-2-sulfonanilid | 970 g/kg | l-1 ta' Ottubru 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br><br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi ta' l-Anness VI, l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-florasulam, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-19 ta' April 2002 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri:<br><br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għat-tniġġis potenzjali tal-ilma tal-blat, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni jridu jinkludu miżuri tat-taffija tar-riskju, fejn xieraq. |
| 37 | Metalassil-M<br>Nru tal-CAS70630-17-0<br>Nru ta' CIPAC 580 | Metil (R)-2-{[(2,6-dimetilfenil)-metossiaċetil] amino} propjonat | 910 g/kg | l-1 ta' Ottubru 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala funġiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br><br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-Metalassil-M, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-19 ta' April 2002 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali<br><br>— għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tniġġis potenzjali tal-ilma tal-blat mis-sustanza attiva jew il-prodotti tad-degradazzjoni tagħha CGA 62826, u CGA 108906 meta s-sustanza attiva tiġi applikata fir-reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. Il-miżuri tat-taffija tar-riskju għandhom jiġu applikati fejn xieraq. |

| Nru | Isem Komuni,Numri ta' Identifikazzjoni | Isem skont l-IUPAC | Purità (*) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 38 | Pikolinafen<br>Nru tal-CAS137641-05-5<br>Nru ta' CIPAC 639 | 4'-Fluworo-6-[(α,α,α-trifluworo-m-tolil)ossi]pikolinanilid | 970 g/kg | l-1 ta' Ottubru 2002 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br><br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-pikolinafen, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fid-19 ta' April 2002 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri:<br><br>— għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-ħarsien tal-organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu l-miżuri tat-taffija tar-riskju, fejn xieraq. |
| 39 | Flumjossażin<br>Nru tal-CAS103361-09-7<br>Nru ta' CIPAC 578 | N-(7-fluworo-3,4-di-idro-3-osso-4-prop-2-inil-2H-1,4-benżossażin-6-il)ċikloex-1-ene-1,2-dikarbossimid | 960 g/kg | l-1 ta' Jannar 2003 | il-31 ta' Diċembru 2015 | L-użu bħala erbiċida biss jista' jiġi awtorizzat.<br><br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-flumjossażin, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Ġunju 2002 għandhom jiġu kkunsidrati. F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri:<br><br>— għandhom jikkunsidraw bir-reqqa r-riskju lill-pjanti akkwatiċi u lill-alge. Il-kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni għandhom jinkludu l-miżuri tat-taffija tar-riskju, fejn xieraq." |

(*) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni ta' sustanzi attivi huma pprovduti fir-rapporti ta' reviżjoni tagħhom.